KUNSILL LOKALI

KALKARA

LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara**

# Id-9 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 8/26**

12 ta' Awwissu, 2026

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru,1897 fis-2:00 ta' wara nofsinhar.

## PREŻENTI:

Wayne Aquilina - Sindku
Speranza Chircop - Viċi-Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Vincent Bongailas - Kunsillier
Christopher Bruno - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

## ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

**ASSENTI:**

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Karen Scicluna – Segretarju Eżekuttiv

**8.26.1 Qari ta' Ittri ta' Apoloġija**

8.26.1.1 Il-Kunsilliera kienu kollha preżenti għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali. Il-laqgħa bdiet fis-2:08pm.

**8.26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti**

8.26.2.1 Il-minuti tas-seduta numru 7.26 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

8.26.2.2 Il-Kunsillier Christopher Bruno ippropona u l-Viċi Sindku Speranza Chircop issekondat l-minuti ta' seduta 7.26 Il-minuti ġew approvati unanimament. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokumenti korretti.

**8.26.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**Laqgħa ma' Infrastructure Malta fuq ix-xogħolijiet infrastrutturali fi Triq San Mikiel u s-sigurta' tar-roundabout ta' Triq Malta Rebbieħa**

8.26.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fl-10 ta' Lulju 2026 attenda għal laqgħa ma' Infrastructure Malta fejn ġew diskussi diversi punti. Għarrafhom li wara li fl-aħħar xhur kienu attendew fi Triq San Mikiel u wara diversi talbiet minn naħa tal-Kunsill Lokali sabiex tissewwa' problema tal-ilmijiet li hemm fiż-żona, ix-xogħol infrastrutturali ta' din it-triq mistenni jibda lejn l-aħħar ta' Awwissu, bidu ta' Settembru. Infrastructure Malta infurmawh li-kuntrattur ġie assenjat u l-permessi ħarġu għalhekk ix-xogħol għandu jibda fl-immedjat biex tissolva l-problema li ilha tkarkar snin. Fl-istess laqgħa ġie diskuss ukoll is-sigurtà tar-roundabout ta' Triq Malta Rebbieħa u ġie mwiegħed minn Infrastructure Malta li se jikkordinaw ma' Transport Malta dwar installazzjonijiet ta' 'bollards' u tabelli indikattivi. Fl-aħħar jiem kienet għaddejja korrispondenza dwar dan ukoll bejn iż-żewġ entitajiet.

**Xogħol impenjattiv tal-amministrattiv fi żminijiet tal-festa tar-raħal**

8.26.3.2 Bejn it-13 ta' Lulju u 19 ta' Lulju, ġiet iċċelebrata l-festa titulari tal-Kalkara.Is-Sindku informa li l-Kunsill ħadem bi sħiħ għal dawn il-jiem flimkien mal-Għaqdiet Mużikali u l-Parroċċa kif ukoll infurmahhom li l-amministrattiv tal-Kunsill bħalissa qed jiġbor il-fatturi fiskali kollha sabiex fis-seduta li jmiss jkun jista' jippreżenta rendikont finanzjarju ta' kemm ġiet tiswa' l-festa lill-Kunsill Lokali.

**Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Port rigward linji gwida għall-fond maħruġ mill-Kunsill Reġjonali Port**

8.26.3.3 Is-Sur Aquilina informa lill-Kunsill li fi 22 ta' Lulju attenda għal-laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Port fejn fost ħafna punti ġie diskuss li ser jitfasslu linji gwida għal Fond maħruġ mill-Kunsill Reġjonali Port.

**Konferenza tal-aħbarijiet dwar l-aħħar preparamenti ta' Lejla Rnella mill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-xogħolijiet Pubbliċi**

8.26.3.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill li flimkien mal-Kunsillier is-Sur Christopher Bruno, is-Segretarju Eżekuttiv u ħafna mill-ħaddiema tal-Kunsill Lokali, fid-29 ta' Lulju attendew għall-konferenza tal-aħbarijiet dwar l-aħħar preparamenti ta' Lejla Rnella. Huwa qal li din il-konferenza kienet indirizzata mill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi l-Onor. Alison Zerafa Civelli peress li l-Kunsill Lokali tagħna qed jirċievi fondi taħt l-iskema tal-attivitajiet kulturali maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

**Sejħa ta' interess għall-proġett ta' Trejqet iċ-Ċimiterju**

8.26.3.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill, li fi 31 ta' Lulju 2026 għalqet is-sejħa ta' interess għall-proġett ta' Trejqet iċ-Ċimiterju. Xtaq ifakkar ukoll li din kienet it-tieni darba li nħarġet din is-sejħa. Għal din is-sejħa reġa' kellna offerta waħda biss li qabżet sew il-prezz mitlub mill-Kunsill Lokali u l-fondi li għandna allokati għal dan il-proġett. Huwa talab lill-Kunsill Lokali sabiex jiddiskuti din il-materja skont l-aġenda f'din is-seduta aktar 'il quddiem.

**Attivita' b'suċċess – Lejla Rnella 2026**

8.26.3.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fl-1 ta' Awwissu, itellgħet b'suċċess il-5 edizzjoni ta' Lejla Rnella għalkemm kien hemm bosta sfidi minħabba l-fatt li għaddejjin xogħolijiet infrastrutturali fil-bajja ta' Rnella. Għal daqstant, il-Kunsill Lokali ma qatax qalbu u xorta waħda aġġusta skond il-ħtieġa biex seta jtella' din l-attività li daħlet fil-kalendarju sajfi ta' raħalna. Bħalissa l-amministrazzjoni tal-Kunsill qed tiġbor il-fatturi fiskali kollha sabiex inkunu nistgħu nippreżentaw dokument lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali biex b'hekk nirċievu lura l-bilanċ finanzjarju għal din l-attività. Ir-rendikont dettaljat ser ikun jista' jippreżentah fis-seduta li jmiss.

**Xogħolijiet ta' tisbiħ fl-uffiċju tas-Sindku fil-Binja tal-Kunsill Lokali**

8.26.3.7 Is-Sindku qal li kif kien infurma, matul it-3 u 7 ta' Awwissu 2026, huwa kien nieqes mill-ħidma tiegħu minħabba btala personali, iżda l-ħidma tal-Kunsill Lokali ma waqfitx tant li f'dawn il-jiem saru xi xogħlijiet fl-uffiċju tiegħu fosthom dawl ġdid u stivar aħjar tal-affarijiet. Apparti minn hekk, il-laptop li hu propjeta tal-Kunsill lokali li jagħmel uża' minnu s-Sindku waqaf milli jaħdem u ttieħed għat-tiswija pero' dan ma setax jissewwa minħabba ħsara fil-'motherboard', għaldaqstant kellu jinxtara laptop ġdid. Wara li l-Kunsill bagħat għall-kwotazzjonijiet, inxtara laptop ġdid, li ġie jiswa' €669. Dan kien l-irħas prezz wara talba għal 3 kwotazzjonijiet hekk kif mitlub.

**Twaqqif tas-servizz tal-konteni turi tal-ħwejjeġ**

8.26.3.8 Is-Sindku, is-Sur Aquilina informal ill-Kunsill li fl-10 ta' Awwissu 2026 tweħħlu tabelli mal-konteni turi l-blu li fihom jinġabru l-ħwejjeġ, wara li rċivejna kommunikazzjoni mill-kollettur li dan is-servizz ser ikun wieqaf temporanjament sakemm isir ftehim ġdid. Dawn il-kaxxi f'raħalna jinsabu fi Triq il-Kapuċċini, Triq it-Turretta u Dawret Fra Giovanni Bighi. Sal-lum għadna ma nafux meta u jekk se jerġa jingħata lura dan is-servizz li twaqqaf madwar Malta kollha u mhux fil-Kalkara biss.

**<u>Skema SPI/SCI/02/2026 – Finanzjament – Lokalitajiet aktar nodfa</u>**

8.26.3.9 Is-Sindku informa li wara li l-kunsill kien applika għall-iskema 'SPI/SCI/02/2026 - Finanzjament - Lokalitajiet aktar nodfa' irċieva mid-Diviżżjoni għall-Gvern Lokali li l-applikazzjoni tagħna ġiet milqugħa u l-Kunsill Lokali ser jirċievi €1,320 (Vat inkluż) għal din l-inizjattiva ta' Clean Up li ser issir is-Sibt 19 ta' Settembru fiż-żona ta' faċċata ta' Villa Bighi.

**<u>Laqgħa mal-Perit ta' Infrastructure Malta rigward tibdiliet fid-direzzjoni tat-traffiku u rigward il-parkeġġ fil-Bajja tar-Rnella</u>**

8.26.3.10 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fil-11 ta' Awwissu kellu laqgħa 'on-site' fil-Bajja ta' Rnella mal-Perit Stefan Chircop minn Infrastructure Malta li huwa l-perit responsabbli mix-xogħlijiet infrastrutturali. Miegħu iddiskuta xi tibdiliet żgħar u neċessarji għad-direzzjoni tat-traffiku u l-parkeġġ wara korrispondenza li rċieva minn Transport Malta datata 4 ta' Awwissu rigward li t-Triq għandha ssir f'direzzjoni waħda kif konna proponejna bħala Kunsill Lokali. Transport Malta talbu xi dettalji ġodda u aġġustamenti ġodda li ġew diskussi u maqbula mal-Perit sabiex issir sottomissjoni ġdida tal-pjanti għall-approvazzjoni finali.

**<u>Laqgħa mal-Pulizija tal-komunita' rigward l-impenn u s-sorveljanza f'Misraħ Arċisqof Gonzi</u>**

8.26.3.11 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellu laqgħa mal-Pulizija tal-komunità fejn iddiskuta l-impenn li ħadu sabiex matul ix-xahar ta' Awwissu qed ikollna żieda ta' Pulizija f'Misraħ l-Arċisqof Gonzi u x-Xatt matul tmiem il-ġimgħa. Dan l-impenn u sorveljanza qed iħallu riżultati pożittivi.

**8.26.4 <u>Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera</u>**

<u>Il-Viċi-Sindku, is-Sa. Speranza Chircop:</u>

8.26.4.1 Is-Sa Speranza Chircop resqet quddiem il-Kunsill ir-rendikonti taż-żewġ attivitajiet li kellha waħda ta' Jum il-Missier fis-16 ta' Ġunju 2026 u Ġurnata Sqallija fid-29 ta' Ġunju.

8.26.4.2 Il-Viċi Sindku resqet ukoll quddiem il-Kunsill proposta sabiex il-Kunsill jissussidja t-trasport għal ġurnata baħar għall-anzjani. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

8.26.4.3 Il-Viċi Sindku resqet quddiem il-Kunsill Lokali l-ittra li ntbagħtet lill-Ministru Bonett sabiex issir iċ-'circular bus' fejn qalet li dan qed jintalab sabiex isir b'konnessjoni flimkien mal-Kunsill Lokali tax-Xgħajra. Dan minħabba l-fatt li l-Kalkara mhux kbira biż-żejjed bħala lokalità biex issir circular bus għal lokal biss. Għaldaqstant biex din it-talba jkollha aktar ċans tkun milqugħa qed issir b'konnessjoni ma' lokalità oħra.

Il-Kunsilliera, is-Sa Maria Sultana:

8.26.4.4 Il-Kunsilliera, is-Sa Sultana informat lill-Kunsilli li f'Awwissu mhux se jsiru laqgħat tal-Kunsill tat-tfal u l-laqgħa li jmiss se ssir fi 7 ta' Settembru.

8.26.4.5 Il-Kunsilliera Maria Sultana pproponiet li din is-sena għal Jum il-Kalkara, it-tfal tal-iskola ssirilhom xi attivita fejn ikunu jistgħu jipparteċipaw, bħal xi 'bouncy castle'. Il-Kunsillier, Christopher Bruno ippropona li jsir xi logħob tradizzjonali malti. Is-Sindku qabel mal-proposta.

Il-Kunsillier, is-Sur Vince Bongailas:

8.26.4.6 Il-Kunsillier, is-Sur Bongailas informa lill-Kunsill li nhar il-ġimgħa se jkollu t-tieni sezzjoni ta' lezzjonijiet fiżiċi b'xejn għar-residenti.

8.26.4.7 Xtaq jiġbed ukoll l-attenzjoni li qed issir wisq sitwazzjoni perikoluża, is-sitwazzjoni tat-traffikar tad-droga fil-lokal u talab sabiex il-pulizija tad-distrett, kif ukoll il-pulizija tal-kommunità jagħmlu aktar sorveljanza fil-lokal.

Il-Kunsillier, is-Sur Christopher Bruno:

8.26.4.8 l-Kunsllier, is-Sur Bruno talab sabiex isir aktar tindif u ħasil ta' toroq fi Triq Straubenzee u Triq Melchiorre De Robles minħabba li qed ikun hemm ħafna ħmieġ tal-klieb. Infatti talab anke sabiex issir aktar sorveljanza mill-pulizija tal-komunità għal dawk li ma jiġbrux il-ħmieġ tal-kelb tagħhom. Irringrazzja wkoll lill-ħaddiema tal-Kunsill tax-xogħol li jagħmlu sabiex iżommu l-lokal nadif.

**8.26.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

8.26.5.1 Il-Viċi Sindku Speranza Chircop flimkien mal-kunsilliera Maria Sultana talbu biex il-kunsill jinstalla tabelli indikattivi sabiex in-nies ma jdurux bil-malji fit-toroq. Fid-diksussjoni gie diskuss li jekk għandhom isiru kieku, jsiru fejn il-Bajja ta' Rnella u max-Xatt. Dwar din il-proposta talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tiċċekkja l-liġi biex ikollna kollox konformi u ma jiġrix kif ġara f'lokalitajiet oħra li kellhom jitneħħew jew jimbidlu t-tabelli.

**8.26.6 Risposta għall-'Management Letter – Year Ending December 2025':**

8.26.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat kopja, filwaqt ukoll li qrat ir-risposta li kien ħejja l-kunsill flimkien mal-accountant wara l-audit li kien sar mill-Grant Thorten. Il-Kunsilliera qablu b'mod unanimu mar-risposta li kienet mħejjija u għaldaqstant is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw l-ittra sabiex tintbagħat kopja lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u kopja oħra lil-NAO.

**8.26.7** **Rapport Finanzjarju – (Quarter 2 -March – June 2026)**

8.26.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qasmet kopja tar-rapport lill-Kunsilliera. Qrat u spjegat kif il-Kunsill mar aħjar milli kien ippjanat għal dan il-perjodu. Infatti l-'Financial Situation Indicator' minn dak li kien pjanat li se jkun ta -10% qiegħed ta 0% dan ifisser li l-Kunsill għal dan il-perjodu qiegħed 'break even' u mhux qiegħed jagħmel telf.

**8.26.8** **Tenders:**

8.26.8.1 **KKR/T/01/2026 - 'Tender for the Cleaning, Upkeep & Maintenance of Parks, Gardens & Soft Areas'**

Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsill li tender tas-'Soft Areas' wasal biex jagħlaq f'Settembru u sabiex jinħareġ tender ġdid fuq l-istess rekwiżiti li kien hemm fit-tender ta' qablu. Ġie maqbul b'mod unanimu li tender jinħareġ b-istess rekwiżiti li kien inħareġ ta' qablu.

8.26.8.2 **KKR/T/02/2026 – 'Tender for Works in Trejqet iċ-Ċimiterju'**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li tender li kien ħareġ il-Kunsill għax-xogħol fi Trejqet iċ-Ċimiterju kien ingħalaq. Kien hemm offerta waħda però min tefa' l-offerta kienet ħafna aktar minn dak li beda joffri l-kunsill. Is-Sindku spjega li dawn huma fondi tal-LESA u li jekk mhux se nleħħqu sal-aħħar tas-sena mhux se jingħataw il-fondi. Għaldaqstant is-Sindku talab lill-Kunsill sabiex ikompli jipproċedi u jitlob lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex il-kunsill ikun jista' jaħdem dan il-proġett b'permezz ta' 'direct order' dejjem skond il-proċeduri u direttivi hekk kif rikjesti bil-liġi u skond id-dipartiment tal-Kuntratti. Il-Kunsilliera qablu b'mod unanimu ma' dak li propona s-Sindku.

**8.26.9** **Korrispondenza u Rapporti**

8.26.9.1 Is-Sindku ressaq id-disinn propost mill-artist bħala parti mill proġett li qed iwettaq ir-Reġjun Port 'Arts in Common' għal approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

8.26.9.2 Is-Sindku ressaq għall approvazzjoni tal-Kunsill ir-rapport imħejji mill-Contracts Manager għax-xahar ta' Lulju 2026. Il-Kunsill approva ir-rapport b'mod uninamu.

8.26.9.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill, li l-Assoċjazzjoni għall-Kunsill Lokali stiednet lis-Sindki għal udjenza privata mal-Papa' f'Ottubru. Is-Sindku se jkun qed jattendi għal din l-istedina li hi ta mportanza. Hu rrimarka li fi snin li ilu sindku din se tkun lewwel safra tiegħu.

8.26.9.4 Il-Kunsilliera Maria Sultana resqet talba sabiex il-Kunsill Lokali jawgura pubblikament lil-Eċċelenza tiegħu Omar Seguna bħala Ambaxxatur u għandu jingħata rikonoxximent.

**8.26.10 Permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar**

8.26.10.1 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill għal approvazzjoni sabiex isir appell għal PA/05280/26. Ressaq il-pjanti u l-proposta tal-iżviluppatur. Oġġezzjoni abbażżi li jiġi protett il-Belle Vedere ta Pjazza Sagra Famlja u l-ħarsien ta' spazju pubbliku. Dwar dan kien hemm qbil unanimu li ssir ittra ta' appell.

**8.26.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

8.26.11.1 Il-Kunsillier Vince Bongailas ippropona u l-Kunsilliera Maria Sultana ssekondat l-iskeda tal-pagamenti No 8/26. Dawn ġew approvati b'mod unanimu.

**8.26.12 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss**

8.26.12.1 Fuq proponiment tal-kunsillier Christopher Bruno u ssekondata mill-Kunsilliera Maria Sultana, il-laqgħa li jmiss ser issir nhar 15 ta' Settembru fis-2:00pm. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Is-seduta ntemmet fit-16:07, wara li ġiet eżawrita l-aġenda.

Konfermati, illum 15/09/2026

Wayne Aquilina
Sindku

Karen Scicluna
Segretarju Eżekuttiv